DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 45/2009

tad-9 ta' Ġunju 2009

li temenda l-Anness X (Servizzi awdjoviżwali) u l-Anness XI (Servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness X tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 ([1]).

(2) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 47/2009 tal-24 ta' April 2009 ([2]).

(3) Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Atti li jikkonċernaw is-servizzi awdjoviżwali u li attwalment huma msemmijin fl-Anness X għandhom b'dan ikunu inkorporati fl-Anness XI,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Annessi X u XI tal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif hemm speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-dokumenti testwali tad-Direttiva 2006/123/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE tas-Suppliment tagħha, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 124, 8.5.2008, p. 27

([2]) Ara paġna 28 ta' dan il-Ġurnal uffiċjali.

([3]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

ANNESS

L-Annessi X u XI tal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif ġej:

1. It-test tal-Anness X għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"**SERVIZZI ĠENERALI**

Lista prevista fl-Artikolu 36(2)

DAĦLA

Meta l-atti msemmijin f'dan l-Anness ikun fihom referenzi għall-proċeduri li huma speċifiċi għall-ordni legali tal-Komunità, bħal:

— preamboli;

— lil min huma indirizzati l-atti tal-Komunità;

— referenzi għat-territorji jew lingwi tal-KE;

— referenzi għad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-Istati Membri tal-KE, l-entitajiet pubbliċi tagħhom, impriżi jew individwi relatati ma' xulxin; kif ukoll

— referenzi għal proċeduri ta' notifika u ta' informazzjoni;

Il-Protokoll 1 dwar l-addattamenti orizzontali għandu japplika, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan l-Anness.

ATTI LI SARET REFERENZA GĦALIHOM

1. **32006 L 0123**: Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

   Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

   (a) fl-Artikolu 3(3), il-kliem 'ir-regoli tat-Trattat' għandhom jinqraw 'ir-regoli tal-Ftehim dwar iż-ŻEE';

   (b) Fl-Artikolu 4(1), il-kliem 'l-Artikolu 50 tat-Trattat' għandhom jinqraw 'l-Artikolu 37 tal-Ftehim taż-ŻEE';

   (c) Fl-Artikoli 4(2) u 4(3), il-kliem 'l-Artikolu 48 tat-Trattat' għandhom jinqraw 'l-Artikolu 34 tal-Ftehim taż-ŻEE';

   (d) Fl-Artikolu 4(5), il-kliem 'l-Artikolu 43 tat-Trattat' għandhom jinqraw 'l-Artikolu 31 tal-Ftehim taż-ŻEE';

   (e) L-Artikolu 4(8) għandu jinqara:

   ' "raġunijiet li jieħdu prijorità relatati mal-interess pubbliku" ifisser, mingħajr ħsara għall-Artikolu 6 tal-Ftehim taż-ŻEE, raġunijiet li huma rikonoxxuti bħala tali fis-sentenzi maħruġa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea, li jinkludu r-raġunijiet li ġejjin: il-politika pubblika; is-sikurezza pubblika; is-sigurtà pubblika; is-saħħa pubblika; il-preservazzjoni tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali; il-ħarsien tal-konsumaturi; min jirċievi s-servizzi u l-ħaddiema; l-ekwità fi tranżazzjonijiet kummerċjali; il-ġlieda kontra l-frodi; il-ħarsien tal-ambjent u tal-ambjent urban; is-saħħa tal-annimali; il-proprjetà intellettwali; il-konservazzjoni tal-wirt storiku u artistiku nazzjonali; l-għanijiet tal-politika soċjali u l-għanijiet tal-politika kulturali;',

   (f) Is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(7):

   'Meta jsir skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA dwar notifiki li ntbgħatu mill-Istati Membri jew mill-Istati tal-EFTA rispettivament, b'konformità mal-paragrafu 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni li rċeviet mill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkomunika l-informazzjoni li rċeviet mill-Kummissjoni lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA. Barra minn hekk, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħarraf lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA bin-notifiki li rċeviet mill-Istati tal-EFTA.';

(g) Is-subparagrafu segwenti għandu jiġi inserit fl-Artikolu 21(2):

'Meta jsir skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA dwar l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt li ntbgħatu mill-Istati Membri jew mill-Istati tal-EFTA rispettivament, b'konformità mal-paragrafu 4(a) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kummissjoni se tikkomunika l-informazzjoni li rċeviet mill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkomunika l-informazzjoni li receviet mill-Kummissjoni lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA.',

(h) L-Artikolu 22(1)(d) m'għandux japplika fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.

(i) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 28(8):

'Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tieħu ħsieb li tgħarrafhom minn ħin għal ieħor dwar it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet dwar assistenza reċiproka.';

(j) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 39(2):

'Mingħajr ħsara għall-paragrafu 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kummissjoni għandha tressaq ir-rapporti li rċeviet mill-Istati Membri tal-UE lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA biex jitqassmu fost l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tressaq l-informazzjoni li rċeviet minn Stat tal-EFTA lill-Istati tal-EFTA l-oħra, lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Kummissjoni biex tqassamha fost l-Istati Membri tal-UE. Il-Kummissjoni u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkondividu informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet li waslu mill-Istati Membri tal-UE u mill-Istati tal-EFTA rispettivament.';

(k) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 39(3):

'L-Istati tal-EFTA jistgħu wkoll jippreżentaw ir-rapporti u l-osservazzjonijiet tagħhom fil-Kumitat.';

(l) Is-subparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 39(5):

'Meta jsir skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA, dwar notifiki li ntbgħatu mill-Istati Membri jew mill-Istati tal-EFTA rispettivament, b'konformità mal-paragrafu 4(d) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni li rċeviet mill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE u l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tikkomunika l-informazzjoni li rċeviet mill-Kummissjoni lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA. Barra minn hekk, l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tgħarraf lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA bir-rekwiżiti li ġew trasmessi mill-Istati tal-EFTA.' "

2. It-titlu tal-Anness XI "SERVIZZI TA' TELEKOMUNIKAZZJONI" għandu jiġi sostitwit bit-titlu "KOMUNIKAZZJONI ELETTRONIKA, SERVIZZI AWDJOVIŻWALI U SOĊJETÀ TAL-INFORMATIKA".

3. Li ġej għandu jiġi inserit wara l-punt 5o (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/215/KE) tal-Anness XI:

"**Servizzi Awdjoviżwali**

5p. **389 L 0552**: Id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir fuq it-televiżjoni (ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23), kif emendat minn:

— **397 L 0036**: Id-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 202, 30.7.1997, p. 60).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 2(5), il-kliem 'L-Artikolu 52 u s-segwitu għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea' għandhom jinqraw 'L-Artikolu 31 u s-segwitu għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea'.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-ħidmiet imsemmijin fl-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva huma wkoll ħidmiet li saru, kif deskritt fl-Artikolu 6(3), minn u ma' produtturi stabbiliti fil-pajjiżi terżi Ewropej li magħhom l-Istat tal-EFTA kkonċernat għandu ftehimiet għal dan l-effett.

Jekk Parti Kontraenti bi ħsiebha tikkonkludi ftehim kif imsemmi fl-Artikolu 6(3), għandha tinforma l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b'dan. Konsultazzjonijiet dwar il-kontenut ta' ftehimiet bħal dawn jistgħu jsiru fuq it-talba ta' kwalunkwe Parti Kontraenti.

(c) Li ġej għandu jiġi inserit fl-Artikolu 15 tad-Direttiva:

'L-Istati tal-EFTA għandu jkollhom il-libertà li jġiegħlu kumpaniji tat-telekomunikazzjoni li qegħdin joperaw fit-territorji tagħhom li jħawdu jew inkella jiskuraw b'mod ieħor riklami dwar xarbiet alkoħoliċi fi programmi ta' xandara televiżivi li l-udjenza prinċipali tagħhom tinsab ġewwa Stat tal-EFTA taż-ŻEE. Għall-fini tal-evalwazzjoni ta' jekk programm jew riklam partikolari jaqax fi ħdan l-ambitu ta' dan l-addattament, il-fatturi li ġejjin għandhom jingħataw importanza, inter alia;

— jekk ix-xandir qiegħedx, *de facto*, jitwassal fi Stat tal-EFTA taż-ŻEE;

— jekk il-prodotti jew servizzi li ġew irreklamati humiex disponibbli fil-pajjiż fejn ixxandru r-reklami;

— jekk il-lingwa tal-pajjiż li fih qiegħed isir ix-xandir hix qiegħda tiġi użata fil-programmi jew fir-reklami;

— jekk il-punti ta' bejgħ fil-pajjiż fejn ixxandru r-reklami ġewx imsemmijin fir-riklami;

— jekk il-prezzijiet ġewx ikkwotati fil-munità tal-pajjiż li fih qiegħed isir ix-xandir.

It-taħwid jew inkella l-iskurar b'mod ieħor tar-reklami m'għandux ikollu l-effett li jirristrinġi t-transmissjoni mill-ġdid ta' partijiet minn programmi televiżivi minn barra fir-rigward ta' riklami għal xarbiet alkoħoliċi.

Il-Partijiet Kontrattenti għandhom jirrevedu b'mod konġunt din l-eċċezzjoni fl-2003.'

Arranġamenti ddettaljati għall-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein, l-Iżlanda u n-Norveġja b'konformità mal-Artikolu 101 ta' dan il-Ftehim:

Kull Stat tal-EFTA jista' jaħtar rappreżentant uniku mill-awtorità kompetenti li nħatar minn kull Stat tal-EFTA li se jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt dwar l-attivitajiet ta' xandir fuq il-televiżjoni li għalihom saret referenza fl-Artikolu 23a tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE.

Il-Kummissjoni tal-KE għandha fiż-żmien dovut tinforma lill-parteċipanti bid-dati tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt u titranżmettilhom l-informazzjoni rilevanti.

5q. **398 L 0084**: Id-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali (ĠU L 320, 28.11.1998, p. 54)."

4. Li ġej għandu jiġi inserit wara l-punt 30 (ir-Reżoluzzjoni tal-Kunsill 96/C 376/01) tal-Anness XI:

"**Servizzi awdjoviżwali**

31. **394 Y 0702(02)**: Ir-Reżoluzzjoni tal-Kunsill 94/C 181/02 tas-27 ta' Ġunju 1994 dwar il-qafas għall-politika tal-Komunità dwar ix-xandir awdjoviżwali diġitali (ĠU C 181, 2.7.1994, p. 3).

32. **398 X 0560**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/560/KE tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-iżvilupp tal-kompetittività tal-industrija tas-servizzi Ewropej awdjoviżwali u tal-informazzjoni billi jiġu promossi oqfsa nazzjonali mmirati biex jiksbu livell ta' protezzjoni komparabbli u effettiv fir-rigward tal-minuri u tad-dinjità umana.(ĠU L 270, 7.10.1998, p. 48).

33. **499 Y 0205(01)**: Ir-Reżoluzzjoni 1999/C 30/01 tal-Kunsill u tal-Laqgħa tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, fi ħdan il-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 li tikkonċerna x-xandir tas-servizzi pubbliċi (ĠU C 30, 5.2.1999, p. 1).

34. **32005 H 0865**: Ir-Rakkomandazzjoni 2005/865/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-patrimonju tal-films u l-kompetittività tal-attivitajiet industrijali relatati (ĠU L 323, 9.12.2005, p. 57)."